MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
PADOVANI JACQUELINE LL.D.**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Numru 579/2001

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
GORDON BORDA
CHARLES BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Gordon borda ta’ 27 sena imwieled Pieta fl-20 ta’ Marzu 1975 bin Joseph u Maria Carmela nee Demicoli u residenti Flat 7, Blk 3, Mattia Preti Square, Valletta ID1504475M u Charles Borg ta’ 28 sena imwieled Attard fis-7 ta’ Mejju 1973 bin Paul u Vincenza nee Bondin u residenti 8, Old Theatre Street, Valletta ID223473M talli fil-lejl ta’ bejn l-14 u l-15 ta’ Marzu 1999 mill-Hamrun serqu diversi ogetti bhal flus li l-valur huwa ta’ Lm625 u affarijiet ohra minn gewwa l-istabbiliment Hairlooks li jinsab gewwa l-Hamrun, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira

maltin, u bil-hin li sar ghad-detriment ta' Marisa Vella u John Mary Azzopardi.

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirksotanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsarat fil-bini tal-istabbiliment Hairlooks, liema hsara tammonta ghal aktar minn ghaxar liri maltin izda anqas minn hamsin lira maltin ghad-detriment tal-istess Marisa Vella u John Azzopardi.

Talli f'dawn il-gzejjer nhar l-15 ta' Marzu 1999 u fiz-zminijiet ta' wara, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Lil Gordon Borda wahdu talli fl-istess cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkommetta reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx, jew li minhabba l-kariga tieghu kellu fid-dmir li jimpedixxi, bi ksur ta' l-artikolu 141 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija.

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 2002 fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 2002 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264, 267,

270, 278, 279, 325, 334, 141, 28A, u 28G tal-kap 9 u Art 5 tal-kap 152 u tikkundanna lill-imputat Borda ghal suspended sentence supervision order ta’ 14 il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin that il-probation officer Carmen Nygaard fil-waqt li l-imputat Borg tqeghdu that is-supervizzjoni tal-probation officer Carmen Nygaard ghal perjodu ta’ sentejn

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.